

# Il-Knisja ta' San Ġiljan f'Ħal Luqa

Kitba ta' Mario Fenech

Meta twaqqfet il-Parroċċa ta' Ħal Luqa fis-sena 1634 u r-raħal nqata' mill-Matriċi ta' Bir Miftuħ, minbarra l-ewwel Knisja, li serviet bħala Parroċċa, kien hemm ukoll imwaqqfa numru ta' knejjes oħrajn żgħar. Uħud minn dawn il-knejjes matul is-snin tkabbru jew inbnew mill-ġdid. Oħrajn intilfu maż-żmien jew tneħħew biex jagħmlu l-wisa' għall-mitjar il-ġdid li kien qiegħed jinbena, bħalma kien ġara fil-każ tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu li kienet tinsab fl-inħawi ta' Ħal Farruġ.



Pittura li turi l-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' Sant' Andrija f' Ħal Luqa.

Knisja minn dawk li kienu diġà nbnew fis-sena 1575, meta kien għamel il-Vista Pastorali tiegħu fir-raħal l-Isqof Mons. Pietro Duzina, kienet dik ta' San Ġiljan. Kienet biswit l-ewwel Knisja ta' Sant'Andrija. Kellha artal wieħed u fuqu kien hemm kwadru ta' San Ġiljan impitter fuq l-injam. X'aktarx li din il-knisja kienet iddedikata lil San Ġiljan minħabba l-fatt li f'dawn l-inħawi kienu jmorru għall-kaċċa numru ta' Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann u għalhekk, dawn ħadu ħsieb li jwaqqfu din il-Knisja. Jidher li meta saret din il-Vista Pastorali tal-Isqof, il-knisja ma tantx kienet fi stat tajjeb għaliex kien ordna li din tiġi rranġata.

Żjara Pastorali oħra kienet saret mil-Isqof Tommaso Gargallo fis-sena 1600. Dak iż-żmien, il-prokuratur tagħha kien ċertu Bażilju Farrugia. Fl-1615, il-knisja kienet ipprofanata mill-Isqof Cagliares għaliex kellha ħsara fl-istruttura tagħha. Hawnhekk, wara sitt snin magħluqa, l-istess Bażilju Farrugia ħa ħsieb jirranġaha biex bdiet tintuża mill-ġdid.

Għaddew eżatt ħmistax-il sena biex l-Isqof Cagliares mill-ġdid reġa' ordna li din tiġi pprofanata. Ftit taż-żmien wara kellha tinħatt għalkollox biex tagħmel il-wisa' għall-Knisja Parrokkjali l-ġdida li kienet qiegħda tinbena. Biex il-kult lejn San Ġiljan ma jintilifx għalkollox, l-Isqof kien ordna li fil-knisja l-ġdida kellu jitwaqqaf Artal li jkun iddedikat lil San Ġiljan. Il-kwadru kien sar mill-artist Valerio Failla mill-Isla, bl-ispejjeż tiegħu jinħarġu mill-Prokuratur tal-knisja li kien hemm qabel, Bażilju Farrugia.

Fuq dan l-artal kienet twaqqfet is-sodalità tal-Agonizzanti f'Settembru tas-sena 1717 li bdiet tieħu ħsieb dak kollu li kellu bżonn l-artal. Meta l-kappellun, fejn kien dan l-altar, ġie mibni mill-ġdid, lejn il-bidu tas-seklu tmintax, minflok il-kwadru ta' San Ġiljan tpoġġa l-kwadru tas-S.S.M.U. Kurċifiss. Aktar tard, f'Marzu tas-sena 1746, fuq l-artal twaqqfet il-Fratellanza tad-Duluri. Il-kwadru ta' San Ġiljan fil-preżent tqiegħed fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.



Il-Kwadru ta' San Ġiljan li jinsab fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali ta' Sant' Andrija f' Ħal Luqa.

